



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13499/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0346 (NLE)

COEST 204
WTO 270

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ
stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika
u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda,
u l-Ukrajna min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 323(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim”), mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ (il-“Kumitat tal-Kummerċ”) irid jistabbilixxi l-lista ta' individwi li huma lesti u li huma kapaċi jservu bħala arbitri fil-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 323(1) tal-Ftehim, l-Unjoni u l-Ukrajna pproponew il-kandidati rispettivi tagħhom li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri, u ftiehem wkoll dwar ħames individwi li mhumex ċittadini ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet li jridu jservu bħala president ta' bord tal-arbitraġġ.
- (3) L-Ukrajna pproponiet erba' individwi biss. Il-ħames kandidat Ukren jenħtieġ li jiġi propost mill-Ukrajna mill-aktar fis possibbli.
- (4) Sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Ftehim, huwa xieraq li tiġi stabbilita lista ta' 14-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim mingħajr aktar dewmien.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ jenħtieġ li tiġi ppubblikata wara l-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mlaqqa' fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri, f'konformità mal-Artikolu 323(1) tiegħu, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' dak il-Kumitat mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU .../2018
TAL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI UE-UKRAJNA
FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ

ta'...

dwar l-istabbiliment tal-lista ta' arbitri msemija fl-Artikolu 323(1) tal-Ftehim ta'
Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati
Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

IL-KUMITAT TA' ASSOĊJAZZJONI FIL-KONFIGURAZZJONI TAL-KUMMERĊ,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra¹,
iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Ġunju 2014 ('il-Ftehim'), u b'mod partikolari l-Artikoli 323(1), u
465(3) tiegħu,

¹ ĠU UE L 161, 29.5.2014, p.3.

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 323(1) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni mlaqqa' fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ (il-“Kumitat tal-Kummerċ”) irid, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri.
- (2) L-Unjoni pproponiet ħames individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri, filwaqt li l-Ukrajna pproponiet erba'. L-Unjoni u l-Ukrajna qablu fuq ħames individwi li mhumex ċittadini ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet li jridu jservu bħala presidenti ta' bord tal-arbitraġġ.
- (3) Sabiex jiġi evitat aktar dewmien fit-twaqqif tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri u b'hekk jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Ftehim, b'mod partikolari l-Kapitolu 14 tat-Titolu IV tiegħu, jenħtieġ li l-Kumitat tal-Kummerċ japprova dik il-lista fuq il-bażi tal-proposti mressqa.
- (4) L-Ukrajna jenħtieġ li tippreżenta l-proposta tagħha għall-ħames kandidat lill-Kumitat tal-Kummerċ mill-aktar fis possibbli,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-lista tal-individwi li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri skont l-Artikolu 323(1) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, hija stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.
2. L-Ukrajna għandha tippreżenta l-proposta tagħha għall-ħames kandidat li huwa lest u kapaċi jservi bħala arbitru lill-Kumitat tal-Kummerċ mill-aktar fis possibbli.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat ta' Assoċjazzjoni
fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ*

Il-President

Is-Segretarji

Għall-Ukrajna

Għall-UE

ANNESS

IL-LISTA TAL-ARBITRI SKONT L-ARTIKOLU 323(1) TAL-FTEHIM

L-arbitri proposti mill-Unjoni:

1. Claus–Dieter EHLERMANN
2. Giorgio SAĊERDOTI
3. Jacques BOURGEOIS
4. Pieter Jan KUIJPER
5. Ramon TORRENT

L-arbitri proposti mill-Ukrajna:

1. Serhiy HRYSHKO
2. Taras KACHKA
3. Victor MURAVYOV
4. Yuriy RUDYUK

Il-Presidenti magħżula mill-Partijiet:

1. William DAVEY (L-Istati Uniti)
2. Helge SELAND (In-Norveġja)
3. Maryse Robert (Il-Kanada)
4. Christian HÄBERLI (L-Iżvizzera)
5. Merit JANOW (L-Istati Uniti)